# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 29**

**Citazzjoni numru 2476/00 LSO**

**George Zammit**

**v.**

**Angelic Mifsud u martu Monica Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-27 ta' Marzu 2014 li permezz taghha laqghet it-tieni, it-tielet u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra tieghu;

Il-Qorti waslet ghall-konkluzjonjiet taghha b'dan il-mod;

> "**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**
>
> "Illi l-kontestazzjoni odjerna hija dwar l-esegwibilita` tal-kambjali pprezentati mill-attur u esebiti a fol. 5 tal-process, u dan peress li ghall-kawza li ghamel l-attur ghall-hlas tal-istess kambjali kontra s-socjeta' konvenuta, l-istess konvenuti eccipew (a) mhumiex il-legittimi kontradditturi; (b) il-firem fuq tali kambjali ma humiex dawk tal-konvenut Angelic Mifsud; (c) li l-konvenut Angelic Mifsud qatt ma accetta u/jew iffirma l-ebda kambjala favur l-attur; (d) li l-ewwel talba attrici tikkostitwixxi abbuz procedurali; (e) li l-eccipjenti proprio ma kellhomx relazzjonijiet guridici mal-attur peress li dawn ir-relazzjonijiet kienu ma socjetajiet kummercjali rapprezentati mill-konvenut; (f) li l-konvenuti mhumiex debituri tal-attur proprio jew nomine; (g) li huwa l-attur u s-socjetajiet li jirraprezenta li huma debituri tas-socjeta` gestita mill-konvenut.
>
> "**Allegazzjoni ta' Firem Foloz**
>
> "Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti, kif diversament presjeduta[1], innominat lill-espert kaligrafu **Joseph Gaffiero** biex jirrelata dwar jekk il-firem fuq id-dokument A a fol. 5 tal-process humiex tal-konvenut.
>
> "Fir-rapport tieghu a fol 39 *et. seq.*, l-espert ikkonstata li Angelo Mifsud ma jezistix izda l-indirizz indikat fuq il-kambjala huwa ta' kumpanija gestita minn Angelic Mifsud bl-isem *Zak Rome[2] Limited.*
>
> "Hu sab li fuq il-kambjali esebiti effettivament hemm zewg firem taht il-kliem '*I agree'.* (Fol 53 ipparagunat ma' fol 51). L-ewwel wahda tixxiebah ma' ta' Angelic Mifsud u t-tieni mhiex maghmula mill-istess id, imma minn xi hadd iehor. L-ewwel firma "*taqbel perfettament"* mal-kampjuni prezentati mill-konvenut.
>
> "Madanakollu kkonkluda li x-xebh bejn il-firem ta' fuq il-kambjali u l-kampjuni prodotti huwa ezistenti izda "*mhuwiex bizzejjed determinanti sabiex wiehed ikun jista' jghid bla dubju ta' xejn li huma maghmula mill-istess id...ghalkemm hemm il-possibbilta' u forsi anke l-probabbilta', ma*

[1] Digriet a fol. 16 tal-process datat il-11 ta' Dicembru 2000.

[2] L-isem tal-kumpanija li tirrizulta mill-atti huwa *Zachrome Limited* - ara r-risposta guramentata u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol 175 tal-process.

*hemmx ic-certezza u allura nhoss li ma nistax inkun mija fil-mija konklussiv."*

"**<u>XHIEDA</u>**

"Xehed l-attur **George Zammit**[3] u kkonferma li kien silef flus lill-konvenut. L-ewwel kien selfu stg 85000 li kellu jithallas lura fi zmien xahar, izda baqa' ma thallasx. Dan il-pagament ghamlu b'trasferiment bankarju datat il-14 ta' Ottubru 1997 (**Dok GZ1** a fol 65).[4] Skont l-attur, kif jirrizulta minn affidavit tieghu esebit a fol. 58, dan kien nofs is-somma kollha li ppretendew nies barranin mill-konvenut u huh sabiex il-konvenut jirbah *tender* ghall-provvista ta' *satellite communications equipment* lejn il-Libya. Dan l-affidavit tal-attur kien ipprezentat fl-atti ta' kawza ohra pprezentata mis-socjeta` tieghu *Donnington Shipping Limited* kontra l-konvenut u ohrajn. L-attur fih spjega fid-dettall kif il-konvenut baqa' jittamah li kien ser jithallas lura ta' dawn l-ammonti, ghamel hlas b'cekkijiet li ma ssarfux, u baqa' jitlob iktar flus bl-iskuza li kien ser igib xoghol f'Malta konsistenti f'*satellite equipment* u jhallsu mill-bejgh ta' dan it-taghmir. Dawn il-weghdiet baqghu fl-ajru. Hu qal li kien jinnegozja mal-konvenut u ma' huh Jesmond Micallef.

"Fl-affidavit imsemmi jkompli jghid "*Wara li rega' ghadda z-zmien, fil-bidu tas-sena 2000, Angelic Mifsud kien qalli li peress li kien hemm problema biex jinhargu l-flus (*mill-Ingilterra) *kien ha jixtri merkanzija konsistenti f'satellite communications equipment u li ahna ser nithallsu mill-bejgh taghhom....Kien ukoll tani kopja ta' statement of account mid-ditta Clutterbuck Marine "(**DOK GZ7 u GZ8** datati rispettivament 15 u 16 ta ' Marzu 1999).*

*""F'dan l-istadju Angelic rega' kellimni u qalli li hu u huh ma kellhomx bizzejjed flus biex ihallsu l-freight sabiex jigi dan l-equipment u talabni nselflu s-somma ta' Lm8,750...Kontra dan s-self tani post dated cheque li ma kienx issarraf u gie ritornat bil-kummenti 'refer to drawer'* (**DOK N** a fol 83 **datat** il-15 ta' Jannar 1998).

"Ipprezenta kopja ta' *statement* bankarju (fol 84) fejn jidher li l-ammont ta' Lm8,750 fl-istess ammont tal-cekk imsemmi u tal-kambjali, gie depozitat fil-kont tieghu fl-20 ta' Jannar 1998 u sussegwentement hemm *reversal* datat l-24 ta' Jannar 1998. Qal li dan ic-cekk ma ssarrafx. Dan ic-cekk gie sostitwit bil-kambjalijiet mertu ta' din l-azzjoni "*fuq talba tal-istess Angelic Mifsud."*

"Wara li hallsu l-konvenut talbu li javvanza Lm2,496 bhala *landing charges* ghat-taghmir (Cekk **GZ10 -** fol 75 datat 26 ta' Marzu 1999). "*Kontra dan ic-cekk Angelic Mifsud tani cekk ghall-istess ammont* (esebit bhala **DOK GZ11**) *izda dan baqa' ma ssarrafx u gie ritornat bil-kumment 'refer to drawer."*

---

[3] Xhieda a fol 85 *et.seq.*tal-process

[4] Dan id-dokument mhuwiex awtentikat minn xhud bankarju

“Is-somma ta' Lm8,750 giet avvanzata lill-konvenut permezz ta' cekk mahrug fuq il-BOV plc. Mill-atti esebiti mill-istess attur jirrizulta cekk numru 78 mahrug fuq kont numru 16706188016 (a fol 80 **DOK K)** ta' George Zammit u datat it-30 ta' Ottubru 1999 fl-ammont ta' Lm8,450. Ic-cekk hu pagabbli lil certu Gejtu Borg. L-attur spjega li c-cekk imlietu bintu, u Angelic Mifsud qallu biex ihalli c-cekk vojt biex jaghmlu fuq ix-*shipping company.* Sar jaf wara li l-isem li inkiteb kien "Gejtu Borg" u mhux ta' agenzija tal-bastimenti. Dan ic-cekk issarraf. Sar jaf ukoll wara li Gejtu Borg kien kreditur tal-konvenut.

“Difatti din il-Qorti tista’ tikkonstata li l-kitba tal-isem "*Gejtu Borg"* hija differenti mill-kitba fuq il-bqija tac-cekk.

“Mifsud tah cekk (**DOK N** a fol 83) *post dated* li jgib id-data l-15 ta' Jannar 1998 izda dan gie *referred to drawer.* Dan ic-cekk hu mahrug fuq kont intestat fuq *Power Centre Limited.* Meta x-xhud ikkonfronta lill-konvenut, dan ghall-ewwel qallu li kien ser jaghmillu cekk iehor imbaghad gablu l-iskuza li nesa c-*cheque book,* u baqa' jittrattjeni. Imbaghad l-attur qallu biex jaghmel l-kambjali u "*iffirmahieli."*

“Ikkonferma li ffirma l-kambjali quddiemu. Kienu f'kamra ‘l gewwa fil-hanut tal-konvenut meta ffirmahom. Barra kien hemm huh u certu Zahra. Il-kambjali hadhom hu lesti ghand il-konvenut u gew ippreparati mill-*accountant* tieghu Hugh Attard Montalto. Qal li jaf lill-konvenut bhala "*Anglu..u Angelic, dejjem jitbiddel."*

“Muri diversi dokumenti fejn hemm il-firem allegatament tal-konvenut, u li jidhru li huma differenti minn xulxin, l-attur qal "*Kollha issa qed narahom, dak il-hin ma tindunax..imma meta tarahom wahda fejn l-ohra kollha differenti."*

“**In kontro-ezami**[5] qal li l-flus silifhom lill-konvenut u lil huh personali u mhux lid-ditta *Power Centre Malta Limited*. Il-konvenut zamm l-original tac-cekk li ma ssarrafx meta l-attur mar bih.

“Qal, bi twegiba ghall-mistoqija li dejjem innegozja mal-kumpaniji u mhux mal-konvenuti f'isimhom proprju, li "*jiena lilhom kont naf, taht liema kumpanija kienu jiggestixxu u jagixxu jien ma nafx...Man-nisa tal-konvenuti ma nnegozjajtx."*

“Qal ukoll li ma ftakarx kemm-il darba gew iffirmati l-kambjali - "*Jien m'inhix cert jekk kontx mort aktar minn darba biex jigu ffirmati jew inkella meta mort l-ewwel darba kienx hemm hu l-konvenut illi qalli biex inhallihom mieghu biex jiffirmahom. Ma nafx ukoll jekk fil-fatt kelli mmur aktar minn darba biex tinkiseb it-tieni firma fuq il-kambjaili....m'inhix cert jekk iffirmax darbtejn. Li nista' nghid hu illi huwa fic-cert li l-firma tal-konvenut Angelic Mifsud saret minnu quddiemi. M'inhiex cert jekk fil-*

[5] Fol 138 *et.seq.*

*fatt kellux ukoll jiffirma l-kambjala hu Angelic Mifsud, jigifieri Jesmond Mifsud."*

"Qal li l-ittri legali esebiti a fol 77, 78 u 82 inkitbu f'isem il-kumpanija tieghu *Ocean Way Company Limited.*

"Riferibbilment ghac-*cheque* a fol 83 (**DOK N**) kien hu li kiteb id-data 15-1-99 fuq ic-cekk. Id-diskrepanza fl-ammont bejn dan ic-cekk u c-cekk a fol. 80 jirrapprezenta *commissions* li l-konvenut ried ihallsu (madwar Lm300).

"Qal "*nerga' ntenni li r-raguni li ghaliha kienet harget il-kambjala mertu ta' din il-kawza kien proprju ghaliex ic-cekk li kien ghaddieli Angelic Mifsud u li kopja tieghu qieghda f'pagna 83 tal-process ma kienx issarraf."* (fol 157).

"Ikkonfrontat bix-xhieda li kien ta f'seduta ohra fejn qal li Jesmond Mifsud kien 'il boghod minnu xi 12-il pied meta l-konvenut iffirma l-kambjala, ma setax jispjega ghaliex kellu jhalli l-kambjala biex jiffirmaha Jesmond Mifsud ukoll. Minflok wiegeb "*Jiena dejjem ghidt li l-kambjala iffirmaha quddiemi Angelic Mifsud u jekk kellux jiffirma wkoll haddiehor ma nafx."*

"Imbaghad xehed "*jiena mort diversi drabi ghand il-konvenut biex nara jekk il-kambjala kenitx iffirmata."*

"**Hugh Attard Montalto**[6], *accountant* tal-attur, li kkonferma li pprepara z-zewg kambjali in kwistjoni biex jissostitwixxu cekk li kien gie *referred to drawer* rilaxxjat mill-konvenut favur l-attur.

"**Gaetano Borg** ukoll gie prodott biex jixhed u dan qal li Angelic Mifsud hallsu bic-cekk mahrug minn George Zammit u li jaf li "*x-xoghol ta' Angelic Mifsud huwa pitkal..u jixtri minghandu mill-pixxkerija...Id-ditta tal-pitkal li huwa shab maghha Angelic Mifsud jisimha Galea Brothers."* Qal ukoll izda li l-konveut kellu negozju iehor f'Bir id-Deheb konsistenti fil-bejgh ta' apparat tas-sajjieda.

"Hu l-konvenut **Jesmond Mifsud** xehed b'affidavit[7] u qal li hu u l-konvenut huma diretturi fis-socjeta' *Zachrome Limited* gja *Power Centre Malta Limited* gja qabel b'isem iehor *Fleet Marine Electronics Limited.* Hu u huh dejjem ghamlu negozju flimkien u f'isem il-kumpanija taghhom.

"Qal li kieku cekk tal-Power Centre allegatament *referred to drawer* kellu jigi sostitwit b'kambjala jew kambjali, dawn kienu jenhtigilhom il-firma tieghu bhala *joint signatory.*

[6] Xhieda a fol. 106 *et. seq.* tal-process.
[7] Fol. 129 *et.seq.* tal-process.

“"*Il-kambjali, meta thares lejhom, tahsibhom li jgibu zewg firem, izda fil-fatt hemm firma wahda biss, maghmula darbtejn, apparentement ta' hija Angelic Mifsud."* L-indirizz fuq il-kambjala hu l-indirizz tal-hanut Power Centre kif ukoll l-indirizz registrat tal-kumpanija."*Jien nafha sew il-firma ta' hija u m'ghandi l-ebda dubju illi l-firem fuq il-kambjali mhumiex tieghu."* Ikkonferma li ma kienx jaf bil-kambjali.

“Hu semma’ diskrepanzi fid-dati tad-dokumenti esebiti mill-attur, senjatament, l-*invoice* (GZ7 a fol 72) datat 15 ta’ Marzu 1999 ghall-bilanc dovut lill-fornituri *Clutterbuck Marine Limited,* u DOK GZ10 (fol 75) rapprezentanti cekk mahrug minn George Zammit fl-ammont ta' Lm2,496 ghal- *landing charges* tal-merkanzija. Il-kambjali, li suppost kienu ghall-hlas lura ta' ammont versat ghan-noll huma datati Jannar 1998.

“Xehed **in kontro ezami**[8] u kkonferma l-firma tieghu fuq ic-cekk **DOK N** a fol 83 tal-process fl-ammont ta' Lm8,750. Skont hu l-import imsemmi fil-kambjali jirrapprezenta n-noll ghar-rigward tal-kumpanija *Power Centre Ltd.* Parti sostanzjali tal-merkanzija li ghar-rigward taghha kellu jithallas in-noll kellha tinbiegh mill-kumpannija imsemmija u kien hemm ukoll parti mill-merkanzija li ingiebet ukoll ghall -beneficcju tal-attur innifsu. Parti minn dan it-taghmir kien jikkonsisti *f'satellite communication system* li gie mitlub f'Marzu 1999 (**DOK GZ7**). Qal li c-cekk datat 14 ta' Ottubru 1997 (**DOK JES1**) mahrug mis-socjeta` Power Point Limited kien inhareg ghall-negozjati li dejjem kienu jsiru bejn il-kumpanija u l-attur. Ma setax jidentifika ghal liema transazzjoni kien jirreferi dan ic-cekk.

“**<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI FID-DAWL TAL-PRINCIPJI LEGALI APPLIKABBLI</u>**

“Din il-kawza tipprezenta kwistjoni dwar l-attendibbilta' tax-xhieda u tal-provi prodotti u tal-kredibbilta' tal-verzjonijiet tal-kontendenti. Il-Qorti ser tissenjala l-punti li deherilha li jispikkaw fl-ezercizzju li hija fid-dover taghha li taghmel biex tasal ghall-gudizzju gust u ta' konvinciment morali ghaliha.

“i. **Ir-rapport tal-Perit Tekniku dwar l-awtenticita' tal-firma tal-konvenut Angelic Mifsud fuq il-kambjali in kwistjoni.**

“Fir-rapport, il-perit tekniku qal li sab li hemm <u>zewg firem</u> u mhux firma wahda fuq il-kambjali, kif forsi jista' jigi indott li jahseb l-osservatur kazwali. Izda interessanti hija fejn jghid "*L-ewwel wahda tixxiebah ma' ta' Angelic Mifsud u t-tieni firma....tidher li mhix maghmula mill-istess id imma minn id haddiehor."* Hu eskluz ghalhekk li Angelic Mifsud iffirma darbtejn.

[8] Fol 145 *et.seq.* tal-process.

“Dwar din l-ewwel firma, jghid li din ghandha l-istess andament bhall-firem tal-konvenut u "*taqbel f'dan is-sens perfettament kull darba li ffirma Angelic Mifsud fuq il-kampjuni."*

“Madanakollu l-espert ikkonkluda li ghalkemm hemm xebh bejn iz-zewg firem, dan mhuwiex bizzejjed determinanti sabiex ikun jista' jghid bla dubju ta' xejn li huma maghmula mill-istess id.

“L-espert iccara li ma jistax jikkonferma l-awtenticita' tal-firma "*b'certezza"* ghalkemm hemm il-"*possibbilta' u anke forsi l-probabbilta`"* li l-firma hija tal-konvenut.

“Ic-certezza "*beyond reasonable doubt"* mhiex rikjesta fil-kamp civili u jkun bizzejjed li l-prova ssir fuq bilanc ta' probabbiltajiet. Madanakollu l-Qorti ma tistax tistrieh fuq parti mir-rapport tekniku meta l-istess espert, fil-qadi tal-inkarigu tieghu, hass li ma kellux jikkonferma li almenu firma wahda, l-ewwel firma, kienet awtentika. Din il-konkluzjoni qed tasal ghaliha il-Qorti anke fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti li tiffavorixxi lill-kontroparti fejn jissussisti d-dubju.

“Ghaldaqstant ser tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Mifsud.

“**ii. Diskrepanzi fil-kronologija u fil-verzjoni tal-fatti tal-attur.**

“Kif tajjeb issottometta l-abbli difensur tal-konvenuti, johorgu diversi diskrepanzi fix-xhieda tal-attur rigward il-kronologija tal-fatti. Id-dokumenti rilevanti ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

“**DOK K** (fol 80) - cekk ta' Lm8,450 datat it-30 ta' Ottubru 1999 mahrug mill-attur pagabbli lil Gejtu Borg.

“**DOK N** (fol83) - cekk ta' Lm8,750 datat il-15 ta' Jannar 1998 mahrug mill-konvenut pagabbli lill-attur.

“**DOK O** (fol 84) - *statement* bankarju tal-kont tal-attur li juri depozitu ta' Lm8,750 fl-20 ta' Jannar 1998 u "*reversal"* tal-istess ammont fil-24 ta' Jannar 1998.

“**DOK GZ9** - Iz-zewg kambjali mertu ta' dawn il-proceduri li nhargu fit-22 ta' Jannar 1998 u jissarrfu rispettivament fil-15 ta' Gunju 1998 u fil-15 ta' Lulju 1998 fl-ammont komplessiv ta' Lm8,750.

“**DOK GZ7 u GZ8** (fol 72 u 73) - *Invoice* u *Fax* minn *Clutterbuck Marine Limited* datati rispettivament il-15 u 16 ta' Marzu 1999.

“**DOK GZ10** (fol 75) - cekk datat is-26 ta' Marzu 1999 fl-ammont ta' Lm2,496 mahrug mill-attur pagabbli lill-konvenut personalment.

“L-attur xehed konsitentement li l-kambjali nhargu biex jissostitwixxu c-cekk tal-konvenut **DOK N** datat il-15 ta' Jannar 1998. "*Nerga' ntenni li*

*r-raguni li ghaliha kienet harget il-kambjala mertu ta' din il-kawza kien proprju ghaliex ic-cekk li kien ghaddieli Angelic Mifsud u li kopja tieghu qieghda f'pagna 83 tal-process ma kienx issarraf."* fol 157)."

“Dan hu konsistenti mad-data tal-kambjali (22 ta' Jannar 1998). Il-Qorti wkoll tikkondividi t-tezi tal-attur li c-cekk ma ssarrafx kif jirrizulta mill-i*statement* bankarju esebit a fol.84 (**DOK O**) fejn hemm *reversal* tliet ijiem wara d-depozitu tac-cekk.

“Madanakollu jirrizulta affermat mill-attur li s-somma ta' Lm8,750 reklamata bil-kambjali giet avvanzata lill-konvenut permezz tac-cekk mahrug fuq il-BOV plc a fol 80 (**DOK K)** izda dan ic-cekk hu datat it-30 ta' Ottubru 1999, cioe` sena u 9 xhur wara l-hrug tal-kambjali. Ukoll dan ic-cekk lanqas inhareg fl-istess ammont imma fis-somma ta' Lm8,450 li l-attur, in kontro ezami, qal li kien inqas billi kellu jithallas Lm300 *commission.* Din l-ahhar spjegazzjoni inghatat mill-attur fi stadju ulterjuri u l-Qorti tinnota li biddel l-ewwel verzjoni tieghu meta ma kien semma' xejn dwar *commission.*

“Din id-diskrepanza terga' tispikka meta l-attur xehed li kien fil-bidu tas-sena 2000 li l-konvenut ipproponielu li jithallas mill-bejgh ta' merkanzija li kellha tingieb minn barra u urieh d-dokumenti minn *Clutterbuck* Marine. Kif muri hawn fuq dawn igibu d-data ta' Marzu 1999 u cioe`, huma posterjuri ghad-data tal-hrug tal-kambjali in kwistjoni.

“L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar din id-diskrepanza kronologika. Anzi qal li kien f'dan l-istadju (ghal bidu tas-sena 2000) li l-konvenut talbu li javvanzalu l-flus sabiex ihallas in-noll.

“Kronologikament din il-verzjoni ma taghmel l-ebda sens u mhix konfortata bid-dokumenti esebiti.

“L-attur biddel il-verzjoni tieghu wkoll fuq fatt sinifikattiv –kemm-il darba mar biex igib il-firma fuq il-kambjali. Ghalkemm konsistentement sostna li l-konvenut iffirma quddiemu, in kontro ezami ma jirrizultax daqstant car u lineari. Hu ta s-segwenti verzjonijiet differenti: -

“- li ma ftakarx kemm-il darba gew iffirmati l-kambjali "*jew inkella meta mort l-ewwel darba kienx hemm hu l-konvenut illi qalli biex inhallihom mieghu biex jiffirmahom."*

*“- "Ma nafx ukoll jekk fil-fatt kelli mmur aktar minn darba biex tinkiseb it-tieni firma fuq il-kambjali....m'inhix cert jekk iffirmax darbtejn."*

*“- "Li nista' nghid hu illi huwa fic-cert li l-firma tal-konvenut Angelic Mifsud saret minnu quddiemi. M'inhiex cert jekk fil-fatt kellux ukoll jiffirma l-kambjala hu Angelic Mifsud, jigifieri Jesmond Mifsud."*

*“- "Jiena dejjem ghidt li l-kambjala ffirmaha quddiemi Angelic Mifsud u jekk kellux jiffirma wkoll haddiehor ma nafx."*

“-"*jiena mort diversi drabi ghand il-konvenut biex nara jekk il-kambjala kinetx iffirmata."*

“Punt iehor li din il-Qorti tixtieq tissottolineja hu li din il-kawza saret kontra Angelic Mifsud wahdu. Jekk l-attur kien jaf li kien hemm zewg firem fuq il-kambjali *ab inizio*, kif donnu johrog mill-verzjonijiet konfuzi fuq riprodotti, wiehed jifhem li l-kawza kienet tigi istitwita kontra Angelic Mifsud u kontra huh.

“Da parti tal-konvenut Anglic Mifsud, tispikka l-assenza tax-xhieda tieghu. Huwa minnu li kkonferma bil-gurament ir-risposta guramentata fejn cahad li l-firma fuq il-kambjali kienet tieghu. Madanakollu la hu u lanqas huh ma offrew spjegazzjoni ghaliex ic-cekk a fol. 83 (**DOK N**) ma ssarrafx u ghal liema negozju hallsu dik is-somma ta’ Lm8,750 lill-attur, meta dan hu proprju l-istess ammont imnizzel fuq il-kambjali rilaxxjati ftit wara li nhareg ic-cekk imsemmi.

“Jekk il-Qorti kellha tillimita ruhha ghan-negozju rapprezentat bil-hrug ta' dan ic-cekk, bil-fatt li ma ssarrafx u il-hrug tal-kambjali bhala sostituzzjoni tal-istess, it-tezi tal-attur tibda takkwista aktar kredibbilta'.

“Izda galadarba l-Qorti ma tistax taccetta l-awtenticita' tal-firma fuq il-kambjali, trid bilfors thares lejn in-negozju guridiku sottostanti ghall-hrug tal-kambjali, liema ezercizzju hu guridikament u dottrinalment permess.

“Qabel ma tidhol fil-mertu tal-kaz, ser tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra sollevati mill-konvenuti.

“**L-ewwel Eccezzjoni**

“Il-konvenuti eccippew li mhumiex il-legittimi kontraditturi ghaliex it-talba hija bbazata fuq il-fatt li l-accettant u l-firmatarju tal-kambjali huwa "*Angelo"* u mhux "*Angelic"* Mifsud.

“Din il-Qorti ssib li din l-eccezzjoni hija ghal kollox frivola. Jirrizulta mhux ikkontestat li dawn il-kambjali gew preparati mill-*accountant* tal-attur u l-istess attur xehed li kien jaf lill-konvenut bhala "Anglu." *Del resto* hu l-konvenut, Jesmond Micallef, ikkonferma li kien hemm negozjati rigward l-importazzjoni tat-taghmir elettroniku li, skont l-attur, ta lok ghall-emissjoni tal-kambjala.

“Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

“**It-Tielet Eccezzjoni**

“Il-konvenuti jghidu li l-eccippjent qatt ma accetta u/jew iffirma l-kambjala favur l-attur.

“Din l-eccezzjoni hija marbuta mat-tieni eccezzjoni u ghalhekk qed tigi milqugha.

“**Ir-Raba' Eccezzjoni**

“B'din l-eccezzjoni l-konvenuti qed isostnu li l-ewwel talba attrici hija abbuziva in kwantu li l-attur kien jaf li huma kellhom eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet tieghu u addirittura qed jitolbu li din il-Qorti tapplika kontra l-attur is-sanzjonijiet kontemplati mil-ligi ghal spergur.

“Billi ma jirrizultax mija fil-mija li l-firma fuq il-kambjala kienet falza (minhabba li l-espert mhuwiex cert) l-attur ma jistax jigi implikat f'xi allegat falsifikazzjoni. Ghalhekk gustament ibbaza t-talbiet tieghu fuq il-kambjala bhala titolu ezekuttiv. Jispetta lit-traent li jressaq eccezzjonijiet ghall-azzjoni odjerna, kif fil-fatt ghamel, u wera li dawn kienu gustifikati *prima facie*.

“Ma jirrizultax li kien hemm xi *mala fede* da parti tal-attur u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

“**Eccezzjonijiet fuq il-Mertu - Il-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet**

“Il-konvenuti jichdu li qatt ma kellhom relazzjoni mal-attur fil-kwalita` personali taghhom u li r-relazzjonijiet guridici kienu bejn is-socjetajiet rispettivi tal-partijiet; li huma fil-kwalita` personali taghhom, kif ukoll il-kumpanija *Zachrome Limited,* gja *Power Centre (Malta) Limited* mhumiex debituri tal-attur jew tas-socjetajiet tieghu.

“Dawn l-eccezzjonijiet jindirizzaw in-negozju guridiku sottostanti l-hrug tal-kambjali in kwistjoni.

“**Konsiderazzjoni ta' Dritt fuq l-awtonomija ta' Kambjala**

“Fil-kaz "**Dr. James Farrugia v Lionel Pugliesevich et."** - QK - 16 ta' Dicembru 1975, (mhux ippubblikat)[9] il-Qorti tal-Kummerc ikkonsidrat ir-relazzjoni guridiku sottostanti ghall-emmissjoni ta' kambjala nulla. Minn ezami tad-dottrina, u tal-gurisprudenza taghna hu ammess ghall-Qorti li tezamina din ir-relazzjoni meta l-azzjoni hija ezercitata bejn il-kontraenti originali.

“Definizzjoni skjetta ta' kambjala hija moghtija mill-awtur **Vivante**, "*Le Cose - Merci e Titoli di Credito compresa La Cambiale*[10]*"* li jghid - *"La cambiale e un titolo di credito formale e completo, contenente l'obbligazione di pagare senza controprestazione una somma determinata alla scadenza e nel luogo che vi sono menzionati."*

[9] Iccitat fil-gabra ta' decizjonijiet "*The Word of the Court"* tal-Avukat Dr. Philip Farrugia Randon - Vol. 10 p.373
[10] Vol.III para 1014

“Kif gie affermat fis-sentenza “***Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe”*** (K (JDC) 15 ta’ Novembru 1993) li kkonfermat li:-

> ““A*ppena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni ‘ad hoc’, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f’kawza bhal din* (azzjoni kambjarja)*, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m’ ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti*”.”

“Dan il-massimu hu sancit fl-artikolu **199 tal-Kap 13** "*Ma tistax issir oppozizzjoni ghall-hlas ta' kambjala hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew falliment tal-pussessur."*

“Kif jghid ***Andrea Torrente*** [11] "*Il rapporto che da luogo all'emissione della cambiale (che si chiama rapporto fondamentale o extracartolare o sottostante) puo' essere di varia natura e puo perfino mancare; cio' non ha importanza."* Dan hu konsegwenza tal-karattru astratt u awtonomu tal-kambjala .

“Illi l-istess principju gie segwit f’diversi sentenzi fosthom “***John Mary Sammut vs Michael Cassar***” (A.K. 14 ta’ Ottubru 1991) u “***George Zahra vs Alfred Borg***” (K (JSP) 28 ta’ April 1995) u ***“Charles Bonnici vs Anna Farrugia”*** (P.A. (RCP) – 2 ta’ Ottubru 2001) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha *inoltre* f’xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide **Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136**) u l-istess “***John Portelli noe vs Charles Vella***” (K.C.D. 30.8.1989)[12].

“Fil-kawza fl-ismijiet "***Aldo Vella v Vincent Lofaro et noe" -***deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977, gie ritenut li "*L-azzjoni kambjarja hi azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f'azzjoni simili - salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli reali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor...huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjali stess."*

“Izda hu pacifiku li r-rilaxx ta' kambjala m'ghandux l-effett ta' novazzjoni bejn il-partijiet[13] u l-obbligazzjoni kambjarja tezisti kontemporanjament mal-obbligazzjoni sottostanti u skont id-dottrina, eccezzjonijiet *ex causa* huma ammissibbli fejn il-kreditur u d-debitur fuq il-kambjala huma l-istess li ikkontrattaw in-negozju guridiku sottostanti. **Torrente** jispjega din l-opinjoni tieghu billi jghid "*La legge non ha spinta a tal punto l'astrattezza fino a costringermi a pagare e poi a promuovere l'azione*

[11]Manuale di Diritto Privato 8va ed. p 611
[12]"*Il-pretenzjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni originali huma ghal kollox indipendenti minn dawk naxxenti mill-kambjali."*
[13] "***Portelli vs Schembri***"- Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol.XXIX. III.80),

*d'indebito contro il creditore. La astrattezza funzione, cioe` sotlanto nei confront di terzi*[14]*.*

"Konformi ma' din it-tezi, **Vivante**[15] jghid "*Fra il debitore e colui col quale ha trattato..applicano le regole sulla validita' e sugli effetti del rapporto che li ha posti in contatto: fra di loro il titolo puo essere un documento parziale di rapporti piu complessi, per esempio, di vendita' di mutuo e questi rapporti materiale possono ridurre e perfino escludere il credito cambiario".*

"Id-debitur, konfrontat mill-kontraent dirett tieghu jista' jissolleva kwalsiasi eccezzjoni fil-konfront ta' dak ir-rapport guridiku li ta origini ghall-emissjoni tat-titlu.

"Dan l-insenjament gie wkoll addottat mill-Qrati taghna. F'sentenza struita moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet "***John Giordmaina et. v. Joseph Pace"*** (PA(TM) - deciz fis-16 ta' Jannar 2003), il-Qorti rriteniet li "*Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali."*

"Fis-sentenza fuq citata "***Giordmaina v Pace"*** il-Qorti osservat li l-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikatament biex il-kambjala, diment li tkun ghadha fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzjoni, izda min jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista' tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. F'kazi simili l-kambjala hija intiza biss biex tiffacilita` l-pagament, u mhux ghall-skop iehor – *datio pro solvendo* u mhux *datio pro soluto.*

"Illi l-artikoli 197 *et. seq.* fil-Kodici tal-Kummerc, li jaghmlu riferenza ghall-eccezzjonijiet sollevabbli, ighoddu ghall-*actio cambiaria,* i.e., meta l-azzjoni hija ezercitata kontra t-traent minn pussessur tal-kambjala li jkun ircevieha minghand giranti, kif jixhdu il-kliem ta' **l-artikolu 197:** *"l-eccezzjonijiet li huma personali ghall-giranti ma jistghux jinghataw kontra l-pussessur tal-kambjala*".

"Il-principju li l-awtonomija tat-titolu kambjarju tghodd biss favur terz pussessur kien stabbilit mill-Qorti tal-Kummerc f'sentenza fl-ismijiet "***Tabone vs Camilleri"*** moghtija fis-27 ta' Frar 1939 (**Kollez. Vol. XXX. III. 429**): *"Suppost il- kambjala kienet girata certament il-giratarju kien ikollu dritt li jagixxi kontra l-konvenut skont il-kambjali kemm-il darba huwa kien in 'buona fede', cioe`, ma kienx jaf bid-dilazzjoni akkordata, salvi d-drittijiet tal-konvenut ghad-danni kontra t-traent."*

[14] Op.cit pagna 612
[15] Op.cit para 1016

“Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-meritu tal-kawza, liema apprezzament tirrizolvi ruhha f'wahda ta' valutazzjoni tal-verzjonijiet opposti moghtija mill-partijiet.

“Min-naha wahda, l-attur irnexxielu juri li rcieva cekk ta' Lm8,750, liema cekk ma ssarrafx, (ara *statement* bankarju) u li fl-istess zmien, hareg il-kambjali *de quo.* Dan ic-cekk gie kkonfermat minn Jesmond Mifsud.

“Il-konvenut baqa' sieket dwar dan ic-cekk in partikolari, ghal-liema skop inhareg u ghaliex ma ssarrafx .Permezz ta' huh (peress li, kif gja osservat il-Qorti, Angelic Mifsud ma xehedx), ikkoncentra fuq id-diskrepanzi fil-kronologija tal-fatti li jxejnu t-tezi tal-attur u li ghalihom gja irriferiet din il-Qorti.

“Jispetta lill-attur li jipprova l-*causa giuridica* tal-kreditu tieghu u l-attur ghazel li jispjegaha billi afferma li avvanza l-ammont kawtelat bil-kambjali sabiex jithallas in-noll ghall-importazzjoni ta' merkanzija. Proprju dan jirrigwarda l-motiv tas-self izda fic-cirkostanzi, gjaladarba hemm konfuzjoni shiha fil-kronologija tal-fatti, ir-raguni ghalhiex sar il-mutuum tassumi importanza sabiex jigi evalwat il-kredibita' tax-xhiedha.

“Frankament din il-Qorti tinsab perplessa bix-xhiedha moghtija mill-attur. Kien hu stess li esebixxa l-fatturi tad-ditta *Clutterbuck Marine Limited*, u c-cekk ghall-hlas tal-*landing fees*. Jirrizulta li dawn li jgibu dati posterjuri (1999) ghall-kambjali meta l-kambjali suppost inhargu ghall-hlas tan-noll ghall-konsenja tal-istess merkanzija. L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni kif in-noll thallas ben sena qabel il-hrug tal-*invoice* ghall-merkanzija meta suppost jithallas wara jew qrib id-data tal-wasla tal-merkanzija.

“Ma jirrizultax mill-atti jekk il-merkanzija waslitx f'Malta. Dan mhuwiex ta' importanza ghaliex il-Qorti hija konvinta li l-attur inghata l-*invoices* ta' Clutterbuck minghand il-konvenut stess (lanqas mhu kontradett minn Jesmond Micallef).

“Izda jirrizulta minn dawn il-kostatazzjonijiet li mhuwiex minnu u ma jistax ikun li l-attur avvanza flus lill-konvenuti ghall-iskop dikjarat. Biex tizdied il-konfuzjoni f'din il-kawza, ic-cekk li bih l-attur allegatament avvanza l-ammont ta' Lm8,450 (u mhux Lm8,750) (**DOK K**) hu datat it-30 ta' Ottubru 1999, ben sena u disa’ xhur wara l-hrug tal-kambjali u ben seba' xhur wara l-hlas tal-*landing fees* (**DOK GZ10**).

“Il-Qorti, ikkonfrontata b'dawn il-provi daqshekk konfliggenti, u bil-bidla fil-verzjonijiet moghtija mill-istess attur dwar kemm-il darba mar ghand il-konvenut ghall-iffirmar tal-kambjali u anke dwar jekk kienx hemm firma wahda jew tnejn fuq l-istess, m'ghandhiex triq ohra ghajr li tiddeciedi li l-attur ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu kontra l-konvenuti. M'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk ir-relazzjonijiet

kienu bejn l-attur u l-konvenuti *proprio* jew *nomine* u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet.

“Fl-ahharnett jirrizulta min-nota esebita a fol 105 tal-process li l-originali tal-kambjali *de quo* gew irtirati mill-PC Raymond Aquilina (PC179) fit-22 ta' Frar 2002. Il-Qorti ser taghti ordni mehtiega fis-sentenza.

“**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** it-tieni, it-tielet u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u tas-seba' eccezzjonijiet, u **tichad** l-ewwel u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

“1. **Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba peress li gew ammessi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

“2. **Tichad** it-tieni talba attrici bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

“Tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija li jirritorna l-originali tal-kambjali li gew irtirati minn PC Raymond Aquilina mill- *Economic Crimes Unit* fit-22 ta' Marzu 2002. Dawn ghandhom jigu kkonsenjati lir-Registratur, Qrati u Tribunal Civili sabiex jigu inseriti fil-process odjern fi zmien xahar millum.

“**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**”

Appella ghalhekk minn din is-sentenza l-attur li talab ir-revoka tas-sentenza u kwindi l-akkoljiment tat-talbiet tieghu;

Din il-Qorti ghalhekk rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidrat.

Illi kif jidher mill-att promotur l-attur appellant qed jitlob il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm 8,750 import ta’ kambjali ffirmati u accettati mill-konvenut.

L**-aggravju principali** tieghu jirrigwardja l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti lid-dokument esebit a fol 80. Huwa jghid li d-data tad-dokumenti mhijiex 30 ta' Ottubru 1999 izda 1997, kwindi l-apprezzament tal-Qorti kien imsejjes fuq informazzjoni zbaljata.

Ezami anke superficjali ta' dan id-dokument huwa sufficjenti biex wiehed jinduna li l-appellant f'dan ir-rigward ghandu ragun. In-numru 7 huwa miktub b'mod illi huwa ingassat u allura dak is-sinjal billi huwa vicin in-naha ta' fuq tieghu gie interpretat bhala 9. Fil-fatt anke t-timbru fuq id-dokument jindika s-sena 1997, ghalhekk ghandu ragun l-appellant jghid li l-argumenti li gabet l-ewwel Qorti u cioe` li "*jirrizulta affermat mill-attur li s-somma ta' Lm 8,750 reklamata bil-kambjala giet avvanzata lill-konvenut permezz ta' cekk mahrug fuq il-BOV .. izda dan ic-cekk hu datat 30 ta' Ottubru 1999, cioe` sena u 9 xhur wara l-hrug ta' kambjali*" ma jregiex.

**It-tieni aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-konkluzjoni tal-perit kalligrafu. Huwa jargumenta li mhux minnu li dan ikkonkluda li l-firma fuq il-kambjala ma kinitx tal-konvenut imma li kien hemm xebh bejn il-firem relattivi u l-kampjun ta' firem tal-appellat. Qal anzi li "*ghalkemm hemm il-possibilta` u anke forsi l-probabilita` ma hemmx certeza u allura inhoss li ma nistax inkun mija fil-mija konklussiv.*"

Huwa minnu li min jallega jrid jipprova (Artikolu 562 tal-Kap. 12) izda f'gudizzju civili l-Qorti trid tiddecidi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet *(**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' –* ***Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).* Il-Qorti hija tal-fehma li ghalhekk li anke dan l-aggravju jisthoqqlu li jkun milqugh.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak** deciza fit-30 ta' Ottubru 2003:

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal lkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, iccertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.* Kif kompla jinghad fil- kawza "**Farrugia vs Farrugia"** deciza mill-Prim'Awla fl-24 ta' Novembru 1996 **,** "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*"

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk – *Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` verzjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1)*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.* Jinsab ravvizat ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "**Farrugia v. Farrugia**" fuq citata li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil l-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

Fil-kaz in ezami kif gia nghad, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur issodisfa l-kanoni biex it-talba tieghu tigi milqghuha.

Jibqa' ghalhekk l-ahhar aggravju ossija dwar l-apprezzament li ghandha taghti l-Qorti dwar il-kambjala. F'dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet **Giordimaina v. Pace** (Prim'Awla 16 ta' Jannar 2003) intqal li:

> *"Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma*

> *tohloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali. L-iskop ta' kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu."*

Irrizulta mill-provi li c-cekk li hareg l-appellant fuq il-konvenut issarraf minn certu Gejtu Borg li kien kreditur tal-appellat. Kwindi l-obbligazzjoni wara l-hrug tal-kambjala kien biex l-appellat ihallas parti minn dejn li kellu u dan indipendentement mill-validita` o meno tal-kambjala "ut sic". L-istess sentenza appena citata qalet ukoll li; *Din il-Qorti trid ukoll, f'dan l-istajdu, tiddikjara li hi taqbel mad-duttrina 'per equipollens' adottata mill-Qrati taghna, fis-sens li anke jekk il-kambjala tkun nulla bhala kambjala jew bhala skrittura, xorta tista' tghaddi biex tezamina l-kreditu pretiz mill-kreditur a bazi tal-provi, u f'dan l-analizi, kwalunkwe dokument iffirmat mill-allegat debitur –avolja nulla bhala "skrittura" formali – tista' tittiehed bhala prova kontra tieghu (ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza "**Desira v. Micallef"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 1984). Din id-duttrina 'per equipollens' giet adottata mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi, fosthom "**Calleja v. Herrera"** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992 mill-Prim'Awla."*

L-appellat fir-risposta tieghu jistrieh hafna fuq il-fatt li f'kawza separata bejn il-partijiet din l-istess Qorti iccensurat hafna lill-appellant dwar il-provi li ressaq. Dan ma jfissirx pero` li din il-Qorti ghandha taghmel l-istess f'din il-kawza ghaliex kull kawza ghandha l-grajja taghha u trid tigi deciza skont il-provi illi jitressqu u l-piz li taghti l-Qorti lil dawk il-provi. L-

eccezzjonijiet tieghu ghac-citazzjoni per konsegwenza huma michuda fid-dawl ta' dak li intqal aktar qabel. Ghalhekk billi l-aggravji jisthoqqilhom li jkunu milqugha l-Qorti se tghaddi biex tilqa' l-appell.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-appell billi tilqghu u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata (hlief fejn astjeniet li tipprovdi dwar l-ewwel talba) u tilqa' t-tieni talba tal-attur kif dedotta u bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut appellat.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Giannino Caruana Demajo
Imhallef

Noel Cuschieri
Imhallef

Deputat Registratur
rm